Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2025/2021(INI)

5.3.2025

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar ir-rapporti tal-Kummissjoni tal-2023 u l-2024 dwar il-Maċedonja ta' Fuq
(2025/2021(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Thomas Waitz

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 9

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR RĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM 11

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar ir-rapporti tal-Kummissjoni tal-2023 u l-2024 dwar il-Maċedonja ta' Fuq (2025/2021(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq, min-naħa l-oħra[1],

– wara li kkunsidra l-applikazzjoni tal-Maċedonja ta' Fuq għas-sħubija fl-Unjoni Ewropea, ippreżentata fit-22 ta' Marzu 2004,

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2005 li tagħti lill-Maċedonja ta' Fuq status ta' pajjiż kandidat tal-UE,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-19 u l-20 ta' Ġunju 2003, inkluż l-anness tagħhom bit-titolu "L-Aġenda ta' Tessalonika għall-Balkani tal-Punent: lejn integrazzjoni Ewropea",

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1529 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Settembru 2021 li jistabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III)[2],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/1449 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar l-istabbiliment tal-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għall-Balkani tal-Punent[3],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Frar 2020 bit-titolu "It-titjib tal-proċess tal-adeżjoni – Perspettiva kredibbli tal-UE għall-Balkani tal-Punent" (COM(2020)0057),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Novembru 2023 bit-titolu "Komunikazzjoni tal-2023 dwar il-Politika tat-Tkabbir tal-UE (COM(2023)0690), akkumpanjata mid-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni bit-titolu "North Macedonia 2023 Report" (Rapport tal-2023 dwar il-Maċedonja ta' Fuq) (SWD(2021)0693),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Novembru 2023 bit-titolu "Pjan ġdid ta' tkabbir għall-Balkani tal-Punent" (COM(2023)0691),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Marzu 2024 dwar ir-riformi ta' qabel it-tkabbir u r-rieżami tal-politika (COM(2024)0146),

[1] ĠU L 84, 20.3.2004, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2004/239(2)/oj.
[2] ĠU L 330, 20.9.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1529/oj.
[3] ĠU L, 2024/1449, 24.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1449/oj.

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta’ Lulju 2024 bit-titolu “2024 Rule of Law Report” (Rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt) (COM(2024)0800), akkumpanjata mid-dokument ta’ ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni bit-titolu “2024 Rule of Law Report – Country Chapter on the rule of law situation in North Macedonia” (Rapport tal-2024 dwar l-Istat tad-Dritt – Il-kapitolu tal-pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fil-Maċedonja ta’ Fuq) (SWD(2024)0830),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta’ Ottubru 2024 bit-titolu “Komunikazzjoni tal-2024 dwar il-Politika ta’ Tkabbir tal-UE” (COM(2024)0690), akkumpanjata mid-dokument ta’ ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni bit-titolu “North Macedonia 2024 Report” (Rapport tal-2024 dwar il-Maċedonja ta’ Fuq) (SWD(2024)0693),

– wara li kkunsidra l-Aġenda ta’ Riforma tal-Maċedonja ta’ Fuq kif approvata mill-Kummissjoni fl-ambitu tal-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir fit-23 ta’ Ottubru 2024,

– wara li kkunsidra r-rapport finali tat-23 ta’ Settembru 2024 tal-Missjoni ta’ Osservazzjoni Elettorali tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem (ODIHR) tal-Ewropa dwar l-elezzjonijiet presidenzjali tal-24 ta’ April 2024 u l-elezzjonijiet parlamentari fit-8 ta’ Mejju 2024 fil-Maċedonja ta’ Fuq,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tas-summits bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent tat-13 ta’ Diċembru 2023 u tat-18 ta’ Diċembru 2024 fi Brussell,

– wara li kkunsidra l-Proċess ta’ Berlin varat fit-28 ta’ Awwissu 2014,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Maċedonja ta’ Fuq,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A10-0000/2025),

A. billi l-Maċedonja ta’ Fuq ilha tgawdi minn status ta’ pajjiż kandidat tal-UE mill-2005 u lestiet b’suċċess l-eżami analitiku tal-acquis f’Diċembru 2023;

B. billi l-aspirazzjonijiet taċ-ċittadini tal-Maċedonja ta’ Fuq li jkunu parti mill-UE wasslu għal progress konsiderevoli f’termini ta’ demokrazija u riformi soċjoekonomiċi, filwaqt li l-proċess ta’ adeżjoni għad qed jesperjenza ostakli għal diversi raġunijiet mhux ġustifikati;

C. billi l-Maċedonja ta’ Fuq hija pajjiż sieħeb affidabbli, allinjat bis-sħiħ mal-politika estera u ta’ sigurtà komuni tal-UE;

D. billi jeħtieġ li l-Maċedonja ta’ Fuq tadotta r-riformi kostituzzjonali pendenti sabiex in-negozjati tal-adeżjoni jkunu jistgħu jibdew malajr;

1. Itenni l-appoġġ sħiħ tiegħu għax-xewqa tal-Maċedonja ta’ Fuq li tissieħeb fl-UE;

2. Ifakkar fil-ħtieġa li jinżammu l-momentum u l-kredibilità tal-proċess ta’ integrazzjoni Ewropea; jinnota li l-Maċedonja ta’ Fuq qed tkompli turi impenn għall-integrazzjoni tal-UE u l-allinjament mal-politiki tal-UE; jappella biex in-negozjati tal-adeżjoni

javvanzaw malajr, filwaqt li jinnota l-importanza li jiġu adottati l-emendi kostituzzjonali miftiehma; iħeġġeġ lill-partiti politiċi kollha fil-Maċedonja ta' Fuq jinvolvu ruħhom fi djalogu kostruttiv biex jiksbu l-kunsens meħtieġ dwar dawn l-emendi, li jsaħħu l-karattru multietniku tal-pajjiż u jaċċelleraw l-progress tiegħu lejn is-sħubija fl-UE;

3. Jilqa' l-Faċilità l-ġdida għar-Riforma u t-Tkabbir għall-Balkani tal-Punent li se tipprovdi EUR 750 miljun f'għotjiet u self lill-Maċedonja ta' Fuq;

4. Jilqa' l-istabbiltà kontinwa tar-relazzjonijiet interetniċi u l-implimentazzjoni tal-Ftehim Qafas ta' Ohrid;

5. Iħeġġeġ lill-Maċedonja ta' Fuq tintensifika l-isforzi biex issaħħaħ l-istat tad-dritt u l-indipendenza ġudizzjarja, tiġġieled kontra l-korruzzjoni, tirriforma l-amministrazzjoni pubblika tagħha u ttejjeb it-trasparenza u l-konċentrazzjoni tas-sjieda tal-media;

Funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi

6. Jinnota li, filwaqt li l-istituzzjonijiet demokratiċi fil-Maċedonja ta' Fuq jiffunzjonaw b'mod sodisfaċenti, il-polarizzazzjoni politika tibqa' ostaklu għar-riformi meħtieġa;

7. Jilqa' l-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura ġodda mill-Assemblea tar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq (*Sobranie*), iffaċilitata mill-Parlament Ewropew fil-qafas tad-Djalogu Jean Monnet; jenfasizza li l-kollaborazzjoni bejn il-partiti tibqa' essenzjali biex titħaffef l-implimentazzjoni tar-riformi relatati mal-UE u jissaħħu l-istituzzjonijiet demokratiċi;

8. Jenfasizza li, filwaqt li kien hemm emendi tal-Kodiċi Elettorali, riforma elettorali komprensiva għadha meħtieġa; jappella bil-qawwa għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet pendenti magħmula mill-ODIHR u mill-Kummissjoni ta' Venezja;

9. Jappella biex il-finanzjament tal-partiti politiċi u tal-kampanji elettorali jkun regolat aħjar, inkluż permezz ta' miżuri biex tiżdied it-trasparenza;

10. Jappella għall-modernizzazzjoni kontinwa ta' amministrazzjoni pubblika bbażata fuq il-mertu, li tindirizza l-isfidi sistemiċi tal-politiċizzazzjoni u ssaħħaħ il-proċessi trasparenti ta' reklutaġġ;

11. Jappella għal aktar passi biex tiġi żgurata r-responsabbiltà sistemika tal-istituzzjonijiet pubbliċi permezz ta' konsultazzjonijiet sinifikattivi u pubbliċi mal-partijiet ikkonċernati;

12. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Maċedonja ta' Fuq iżommu lura milli jagħtu sensji opaki u politiċizzati minn pożizzjonijiet f'korpi u aġenziji indipendenti u milli jagħmlu ħatriet opaki u politiċizzati fihom, kif ukoll jiżguraw li l-organizzazzjonijiet ikunu ffinanzjati b'mod adegwat u li d-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet jiġu implimentati b'mod konsistenti;

Media u soċjetà ċivili

13. Ifakkar fil-ħtieġa li l-qafas legali li jirregola l-media online u offline jiġi riformat biex ikun hemm allinjament sħiħ mal-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media[4];

14. Itenni t-talbiet tiegħu għal riforma komprensiva tar-regoli li jirregolaw il-finanzjament mill-Istat u r-reklamar tal-partiti politiċi fil-media;

15. Jinkoraġġixxi azzjonijiet biex jitjiebu l-indipendenza editorjali u finanzjarja, l-imparzjalità u l-professjonaliżmu tax-xandara tas-servizz pubbliku u tar-regolaturi tal-media;

16. Jinnota, bi tħassib, it-theddid u l-attakki kontinwi kontra l-ġurnalisti; jilqa' l-ħatra ta' prosekutur iddedikat biex jimmonitorja l-attakki fuq il-ġurnalisti u l-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' rapportar tal-bullying ċibernetiku;

17. Jappella għal miżuri msaħħa li jappoġġjaw il-ġurnaliżmu investigattiv u l-litteriżmu fil-media sabiex jiġu miġġielda d-diskors ta' mibegħda, id-diżinformazzjoni u l-indħil barrani;

18. Jilqa' s-soċjetà ċivili vibranti u kostruttiva tal-pajjiż, li għandha rwol kruċjali u pożittiv ħafna fil-proċess ta' riforma; jinnota li, filwaqt li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili joperaw f'ambjent abilitanti ġenerali, jeħtieġ li jiġu implimentati oqfsa legali u finanzjarji biex jiġu żgurati mekkaniżmi trasparenti ta' finanzjament pubbliku;

Drittijiet fundamentali

19. Jesprimi tħassib dwar in-nuqqas ta' progress fl-ugwaljanza bejn il-ġeneri u ż-żieda fil-movimenti kontra l-ġeneru; iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-pajjiż itejbu l-aċċess għas-servizzi għall-vittmi tal-vjolenza abbażi tal-ġeneru;

20. Jinnota li r-relazzjonijiet interetniċi baqgħu stabbli u l-Ftehim Qafas ta' Ohrid kompla jiġi implimentat; jappella għal finanzjament u persunal adegwati għall-istituzzjonijiet li jipproteġu d-drittijiet tal-komunitajiet mhux maġġoritarji;

21. Jinnota li l-persuni b'diżabbiltà għadhom jiffaċċjaw ostakli sinifikanti peress li l-leġiżlazzjoni tal-pajjiż għadha mhijiex allinjata mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità;

22. Jilqa' l-ewwel deċiżjoni tal-qorti dwar id-diskors ta' mibegħda kontra l-komunità LGBTIQ, iżda jappella bil-qawwa għall-prosekuzzjoni sistematika tal-każijiet kollha ta' diskors ta' mibegħda, reati ta' mibegħda u intimidazzjoni;

23. Jistieden lill-Maċedonja ta' Fuq issaħħaħ il-ġestjoni tal-migrazzjoni, ittejjeb l-allinjament mal-acquis tal-UE u tindirizza l-isfidi persistenti fil-ġestjoni tal-migrazzjoni regolari u irregolari;

Stat tad-dritt

[4] Ir-Regolament (UE) 2024/1083 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li jistabbilixxi qafas komuni għas-servizzi tal-media fis-suq intern u li jemenda d-Direttiva 2010/13/UE (l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media) (ĠU L, 2024/1083, 17.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1083/oj.

24. Jinnota, bi tħassib serju, li r-rekord tal-pajjiż fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni mar għall-agħar, b'mod partikolari minħabba l-emendi tal-Kodiċi Kriminali li dgħajfu l-qafas legali u rriżultaw fit-tmiem ta' ħafna kawżi li kien għadhom għaddejjin;

25. Jinnota li l-livell perċepit ta' fiduċja fil-ġudikatura għadu baxx ħafna; jappella biex l-indipendenza, it-trasparenza u l-funzjonament effettiv tal-korpi ġudizzjarji jissaħħu;

26. Jinnota, bi tħassib, in-nuqqas ta' progress fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni u li l-investigazzjonijiet finanzjarji għadhom qasam ta' dgħufija; jappella biex il-kapaċità operazzjonali u l-kooperazzjoni tal-istrutturi responsabbli għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-kriminalità finanzjarja jissaħħu;

27. Jappella biex l-indipendenza tal-korpi tas-sigurtà u tal-intelligence tissaħħaħ permezz ta' oqfsa regolatorji xierqa;

28. Jappella għal aktar sforzi biex tinbena reżiljenza kontra l-indħil barrani u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni;

Riformi soċjoekonomiċi

29. Jirrakkomanda li l-Maċedonja ta' Fuq tkompli ssegwi passi biex ittejjeb il-klima u l-infrastruttura kummerċjali, issaħħaħ l-edukazzjoni u l-infrastruttura diġitali, u ttejjeb is-sistemi ta' protezzjoni soċjali;

30. Jinkoraġġixxi lill-Maċedonja ta' Fuq tavvanza t-trasformazzjoni diġitali tagħha; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi indirizzat l-eżodu ta' mħuħ, speċjalment tal-professjonisti mediċi u żgħażagħ;

Ambjent, enerġija u trasport

31. Ifakkar li hemm ħtieġa ta' sforzi addizzjonali biex jintlaħqu l-miri għall-effiċjenza fl-enerġija, l-enerġija rinnovabbli, is-sigurtà tal-provvista u t-tnaqqis tal-emissjonijiet; iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-pajjiż jallinjaw il-leġiżlazzjoni tagħhom dwar l-ambjent u t-tibdil fil-klima mal-acquis tal-UE u jiżguraw l-infurzar tagħha;

32. Jisħaq fuq il-ħtieġa urġenti li titjieb il-kwalità tal-arja; iħeġġeġ bil-qawwa lill-awtoritajiet biex iżidu l-miżuri dwar il-bijodiversità, l-ilma, l-arja, il-protezzjoni tal-klima u l-immaniġġjar reġjonali tal-iskart;

33. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-pajjiż iżidu l-isforzi biex itejbu l-infrastruttura tat-trasport u tal-enerġija u l-konnettività reġjonali u jindirizzaw id-dewmien persistenti fl-iżvilupp tal-infrastruttura kritika;

Kooperazzjoni reġjonali u politika estera

34. Jilqa' l-kontributi siewja tal-Maċedonja ta' Fuq għall-kooperazzjoni u l-istabbiltà reġjonali permezz tal-involviment tagħha f'inizjattivi reġjonali;

35. Ifaħħar l-impenn tal-pajjiż li jrawwem relazzjonijiet tajbin ta' viċinat u r-rwol tiegħu bħala mudell għar-riżoluzzjoni paċifika tat-tilwim bilaterali permezz ta' djalogu u fehim

reċiproku; ifakkar, f'dak is-sens, li l-ftehimiet bilaterali għandhom jiġu implimentati b'riżultati tanġibbli *in bona fide* min-naħat kollha, inklużi l-Ftehim ta' Prespa mal-Greċja u t-Trattat ta' Ħbiberija, Relazzjonijiet Tajbin ta' Viċinat u Kooperazzjoni mal-Bulgarija; jappella għal impenn konsistenti għad-djalogu u l-kooperazzjoni mal-pajjiżi ġirien biex titrawwem il-fiduċja reċiproka;

36. Jilqa' l-impenn kontinwu tal-Maċedonja ta' Fuq għas-sigurtà Ewro-Atlantika; ifaħħar l-allinjament tal-pajjiż mal-politika estera, ta' sigurtà u ta' difiża tal-UE, kif ukoll il-konformità sħiħa tiegħu mal-miżuri restrittivi relatati mar-Russja;

37. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-President tal-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, u lill-President, lill-Gvern u lill-Assemblea tar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq.

NOTA SPJEGATTIVA

Il-Parlament Ewropew jimmonitorja mill-qrib l-iżvilupp politiku u soċjoekonomiku fil-pajjiżi tat-tkabbir u r-rapporteur permanenti tal-Parlament Ewropew normalment jippreżenta r-rapport tiegħu wara l-pakkett tat-tkabbir tal-Kummissjoni. Bħala r-rapporteur permanenti li għadu kif inħatar għall-Maċedonja ta' Fuq, għandi l-unur li nippreżenta l-ewwel rapport tiegħi b'rispons għar-rapporti tal-pajjiżi tal-2023 u l-2024 tal-Kummissjoni. B'dan ir-rapport, għandi l-għan li nipprovdi valutazzjoni bbilanċjata tal-kuntest politiku kumpless tal-Maċedonja ta' Fuq filwaqt li nħeġġeġ lill-partijiet ikkonċernati politiċi javvanzaw ir-riformi u jonoraw il-ftehimiet tal-passat, u nistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jipprevjenu l-imblokki bilaterali futuri u jipprovdu lill-pajjiż bil-garanziji meħtieġa u l-appoġġ imfassal apposta.

Bl-implimentazzjoni b'suċċess tal-Ftehim Qafas ta' Ohrid (2001), il-pajjiż sar mudell fir-reġjun għar-riżoluzzjoni paċifika tat-tilwim etniku permezz ta' djalogu u fehim reċiproku. Fl-2005, erba' snin biss wara l-iffirmar ta' dan il-ftehim, il-Maċedonja ta' Fuq kisbet status ta' kandidat, u ilha minn dak iż-żmien minn ta' quddiem fir-reġjun. Il-pajjiż wettaq riformi impressjonanti u diffiċili, inkluża bidla storika tal-isem, iżda l-proċess ta' adeżjoni tiegħu ilu jiġi ostakolat għal żmien twil wisq minħabba tilwim bilaterali. Fl-2022, biex tingħeleb il-veto tal-Bulgarija fit-taħditiet dwar l-adeżjoni, l-UE inkludiet it-talbiet tal-Bulgarija fil-konklużjonijiet tal-Kunsill relatati mal-adeżjoni tal-Maċedonja ta' Fuq, bl-UE taġixxi bħala garanti tal-implimentazzjoni tagħhom. L-hekk imsejħa proposta Franċiża, madankollu, stabbiliet preċedent ta' tħassib billi ppermettiet li l-proċess ta' adeżjoni jintuża għas-soluzzjoni ta' tilwim kulturali u storiku. Filwaqt li dan il-ftehim fl-aħħar mill-aħħar wassal għat-tneħħija tal-veto, għall-ewwel Konferenza Intergovernattiva (KIG) fid-19 ta' Lulju 2022 u għall-bidu tal-eżami analitiku, kien jeħtieġ ukoll li l-Maċedonja ta' Fuq temenda l-Kostituzzjoni tagħha biex tinkludi l-minoranza Bulgara. Is-sessjonijiet tal-eżami analitiku għas-sitt ġabriet kollha tlestew sas-7 ta' Diċembru 2023, u l-pajjiż se jkun jista' jgħaddi għall-fażi li jmiss tan-negozjati ladarba jiġu adottati l-emendi kostituzzjonali.

Snin ta' ostakli u weġħdiet mhux imwettqa bir-raġun wasslu għal frustrazzjoni, diżappunt u tnaqqis kontinwu fl-appoġġ pubbliku għall-integrazzjoni tal-UE fil-Maċedonja ta' Fuq. Madankollu, f'dawn iż-żminijiet ta' bidliet kbar fl-ordni internazzjonali dinji hekk kif tafu l-Ewropa, hemm sens imġedded ta' urġenza u opportunità importanti biex isir progress fil-proċess ta' adeżjoni. Il-partijiet ikkonċernati politiċi kollha, b'mod partikolari l-Membri tal-Parlament mill-koalizzjoni fil-gvern u l-gvern, jeħtiġilhom jaħtfu dan il-mument u jimpenjaw ruħhom fi djalogu kostruttiv biex jiksbu kunsens dwar l-emendi kostituzzjonali msemmija hawn fuq. L-UE u l-Istati Membri tagħha jeħtiġilhom jappoġġjaw bis-sħiħ dan l-isforz, inkluż l-għoti ta' garanziji li l-bidliet kostituzzjonali mhux se jwasslu għal aktar talbiet bilaterali.

Il-Maċedonja ta' Fuq abbozzat aġenda ta' riforma eċċellenti u ambizzjuża, li wieħed jista' jargumenta li hija waħda mill-aħjar fir-reġjun. L-implimentazzjoni rigoruża tagħha tqiegħed lill-pajjiż lura fit-triq it-tajba, speċjalment f'oqsma ewlenin bħall-ġlieda kontra l-korruzzjoni, l-iżgurar tal-indipendenza ġudizzjarja, ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, u t-titjib tas-sitwazzjoni tal-libertà tal-media. Madankollu, xi żviluppi reċenti, inkluża d-deċiżjoni tal-pajjiż li jastjeni mill-aħħar riżoluzzjoni Ewropea dwar l-Ukrajna fl-Assemblea Ġenerali tan-NU filwaqt li kkosponsorja r-riżoluzzjoni tal-Istati Uniti fi Frar 2025, qajmu tħassib fost is-sostenituri tal-UE tal-Maċedonja ta' Fuq dwar it-trajettorja fit-tul tagħha.

Sinċerament nittama li l-partijiet kollha, l-awtoritajiet tal-Maċedonja ta' Fuq, l-istituzzjonijiet tal-UE, u l-pajjiżi ġirien, jirrikonoxxu l-urġenza tal-mument u jaġixxu b'mod deċiżiv biex jimxu 'l quddiem.

Fir-rigward tar-responsabbiltà ta' din il-Kamra, jien impenjat li nibni alleanza stabbli, kostruttiva, pro-Ewropea, favur id-demokrazija u favur it-tkabbir b'appoġġ għall-adeżjoni tal-Maċedonja ta' Fuq mal-UE. Nittama li niżgura l-appoġġ ta' kull Membru li jikkondividi dan l-għan.

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR RĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li rċieva kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-abbozz ta' rapport:

Entità u/jew persuna
Daħħal persuna jew entità.

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur għal opinjoni.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn li huma, ir-rapporteur jiddikjara li ppreżenta lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.